MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 929/2003

**Alison Farrugia mart Martin Farrugia f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Markita, Martina u Kinsley ahwa Farrugia.**

**vs**

**Martin Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-ghoxrin (20) ta' Ottubru 1996 u miz-zwieg taghhom kellhom tlett (3) itfal li ghadhom minorenni u cioe, Markita, Martina u Kinsley ahwa Farrugia;

Illi u peress li l-partijiet huma separati *de facto* u t-tfal qieghdin fil-kura tal-attrici;

Illi l-konvenut hu obbligat bil-Ligi ihallasha retta alimentarja ghaliha u ghall-imsemmija minuri;

Illi peress li l-attrici kellha tagixxi *in kawtela* tad-drittijiet taghha permezz ta' mandat ta' Sekwestru mahrug fl-ismijiet **"Alison Farrugia proprio et nomine vs Martin Farrugia"** liema Mandat inhareg fil-hamsa (5) ta' Settembru 2003, kif ukoll, *in kawtela* tal-jeddijiet taghha fil-kwalita' premessa, ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-istess zewgha fl-istess data;

Illi ghalhekk l-attrici talbet li jghid il-konvenut il-ghalhiex m'ghandhiex, din l-Onorabbli Qorti;

1. Tillikwida l-manteniment pagabbli lilha mill-istess konvenut ghaliha u ghall-minuri msemmja ahwa Farrugia, skond il-mezzi u kondizzjoni tieghu u l-bzonnijiet kolha tal-attrici u ta' uliedhom, b'provediment ghall-zieda perjodika skond kif jigi stabbilit minn din il-Qorti stess fis-sentenza taghha sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u b'dawk il-modalitajiet kollha li jidrulha xierqa;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata taht dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti mill-istess Qorti;

Illi b'riserva ghall-jeddijiet kollha spettanti lill-istess attrici biex tipprocedi kontra l-konvenut ghas-separazzjoni personali u ghax xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

Bl-ispejjez – inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u Mandat ta' Inibizjzoni fl-istess ismijiet premessi – kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3, 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal datat 30 ta' Settembru, 2003 fejn Dr. Joanne Vella Cuschieri li dehret ghall-konvenut, tat ruhha b'notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza;

Rat il-verbal datat 21 ta' Ottubru, 2003;

Rat il-verbal tal-18 ta' Novembru, 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru, 2003;

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza saret mill-attrici sabiex l-konvenut jigi kkundannat ihallas ghaliha u ghall minuri Markita, Martina u Kinsley ahwa Farrugia r-retta aliminentarja peress li l-partijiet jinsabu separati *de facto.*

Illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2003, il-partijiet, anke *tramite* d-difensuri taghhom, qabblu u ftehmu li l-istess retta alimentari ghandha tigi ffissata fl-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) fil-gimgha, li tithallas mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghan-nom tal-istess minuri kull gimgha bil-quddiem.

Illi l-istess partijiet ukoll qabblu li tali ftehim dwar manteniment ghandhu jigi nkorporat fis-sentenza f'din il-kawza u proprju dan ser ssir permezz ta' din id-deczjoni.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** li fuq ftehim bejn il-partijiet milhuq bejniethom kif ivverbalizzat *tramite* r-rispettivi difensuri taghhom fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2003, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn premess abbazi tal-istess imsemmi ftehim u transazzjoni waqt il-mori tal-kawza, b'dan illi:-

(1) Tillikwida il-manteniment pagabbli lill-attrici ghaliha u ghall-minuri Markita, Martina u Kinsley, ahwa Farrugia, fl-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) fil-gimgha, apporzjonat hames liri Maltin (Lm5) fil-gimgha ghall-attrici u disgha u hamsin lira Maltin (Lm95) fil-gimgha ghall-minuri, kif effettivament miftiehem bejn il-partijiet, b'dan li tali rata ta' manteniment ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici permezz ta' pagamenti bil-gimgha bil-quddiem fir-residenza tal-attrici, u din ir-rata ta' manteniment tibqa' applikabbli sakemm *okkorendo* tigi varjata b'decizjoni tal-Qorti kompetenti fuq talba *ad hoc* minn wahda mill-partijiet jew fil-kuntest ta' decizjoni li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

(2) Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-istess imsemmija tlett (3) uliedha l-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) fil-gimgha bhala dik ir-retta alimentarja dovuta minnu lill-attrici ghall-manteniment taghha u ta' l-istess uleidha, tali pagamenti settimanali jsiru bil-gimgha bil-quddiem fir-residenza tal-attrici, u b'dan li din ir-rata ta' manteniment tibqa' applikabbli sakemm *okkorendo* tigi varjata b'decizjoni tal-Qorti kompetenti fuq talba *ad hoc* minn wahda mill-partijiet jew fil-kuntest ta' decizjoni li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------